



Brussell, 12 ta' Awwissu 2024  
(OR. en)

12751/24

DENLEG 54  
FOOD 97  
SAN 476  
DELACT 156

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 346 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzu tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 346 final.

Mehmuż: COM(2024) 346 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.7.2024  
COM(2024) 346 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż**

## **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż**

### **1. Introduzzjoni**

Dan ir-rapport jissodisfa l-obbligu stabbilit għall-Kummissjoni bl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż (minn hawn 'il quddiem “Ir-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiki”)<sup>1</sup>. Ir-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiki jistabbilixxi rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għal (a) formula tat-trabi u formula ta' prosegwiment, (b) ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi, (c) ikel għal skopijiet mediċi speċjali u (d) ikel bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jiż-żepp minn minn dawn il-kategoriji ta' ikel u jistabbilixxi regoli applikabbi għall-aġġornament ta' dik il-lista.

L-Artikolu 18(2) tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiki jeħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni b'dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 18(2), is-setgħa li tadotta atti delegati nghat-ġġadha lill-Kummissjoni għal perjodu inizjali ta' ħames snin li jibda mid-19 ta' Lulju 2013. Il-Kummissjoni kellha tippreżenta rapport dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħa mogħtija mir-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiki mhux aktar tard minn disa' xħur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiżza awtomatikament għal perjodi ta' ħames snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Il-Kummissjoni adottat l-ewwel rapport dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħat taħt ir-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiki fit-22 ta' Awwissu 2017<sup>2</sup>.

### **2. Bażi Legali**

L-Artikolu 18(2) tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiki jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jikkonċernaw is-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 11, l-Artikolu 15(6) u l-Artikolu 16(1) ta' dak ir-Regolament.

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiki jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati sabiex tistabbilixxi rekwiżiti speċifiki dwar il-

<sup>1</sup>ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35.

<sup>2</sup>Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż. COM (2017) 0438 final

kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-kategoriji differenti ta' Ikel għal Gruppi Speċifiċi. Dawk ir-rekwiżiti bħalissa huma stabbiliti fir-Regolamenti li ġejjin:

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 li jissupplimenta r-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment u fir-rigward ta' rekwiżiti dwar l-informazzjoni dwar it-tmigħ tat-trabi u tat-tfal żgħar<sup>3</sup>,
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 li jissupplimenta r-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali<sup>4</sup> u
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1798 li jissupplimenta r-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għal sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż<sup>5</sup>.

L-Artikolu 15(6) tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex iżżejjid jew tneħħi kategorija ta' sustanzi fl-Anness tar-Regolament, li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jiżdiedu mal-kategoriji speċifiċi tal-ikel, sabiex jitqiesu l-progress tekniku, l-iżviluppi xjentifiċi jew il-protezzjoni tas-sahħha tal-konsumatur.

L-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament, sabiex temenda l-Anness tar-Regolament li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jiżdiedu mal-kategoriji speċifiċi tal-ikel.

### **3. Eżerċizzju tad-delega**

3.1. Matul il-perjodu li jibda mit-22 ta' Awwissu 2017 sal-lum, il-Kummissjoni adottat id-disa' atti delegati li ġejjin skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi:

- a) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/828 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 rigward ir-rekwiżiti għall-vitamina D fil-formula tat-trabi u għall-aċidu eruċiku fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment<sup>6</sup>

<sup>3</sup>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment u fir-rigward ta' rekwiżiti dwar l-informazzjoni dwar it-tmigħ tat-trabi u tat-tfal żgħar, ĠU L 25, 2.2.2016, p. 1.

<sup>4</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, ĠU L 25, 2.2.2016, p. 30.

<sup>5</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1798 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel għal sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż, ĠU L 259, 7.10.2017, p. 2.

Dan l-att legali ġie adottat fl-14 ta' Marzu 2019 bl-għan li jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni tat-trabi billi jitbaxxa l-kontenut massimu tal-Vitamina D permess fil-formula tat-trabi u l-livell massimu ta' aċidu eruċiku għall-formula tat-trabi u għall-formula ta' prosegwiment, abbażi tal-opinjonijiet xjentifiċi<sup>7,8</sup> tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA).

- b) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/561 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proteini għall-formula ta' prosegwiment<sup>9</sup>

Dan ir-Regolament Delegat ġie adottat fit-12 ta' April 2018, bl-għan li jippermetti lill-operaturi ta' negozji tal-ikel jaġġustaw il-kompożizzjoni tal-formula ta' prosegwiment billi jintroduċu aktar flessibbiltà, filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tat-trabi. Huwa introduċa aġġustamenti tekniċi għar-rekwiżiti tal-proteini digħi eżistenti għall-formula ta' prosegwiment abbażi tal-opinjoni xjentifika<sup>10</sup> tal-EFSA.

- c) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/572 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu<sup>11</sup>

Ir-Regolament (UE) 2016/127 jistabbilixxi li l-formuli manifatturati mill-idroliżati tal-proteina jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss wara evalwazzjoni każ b'każ tas-sikurezza u l-adegwatezza tagħhom mill-EFSA. Tali valutazzjoni ma kinitx meħtieġa taħt id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE precedingi dwar il-formula tat-trabi u ta' prosegwiment<sup>12</sup>. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/572 ġie adottat fl-20 ta' Jannar 2021 bl-għan li jiġi evitat tfixxil potenzjali fis-suq, billi jiddifferixxi d-dħul fis-seħħi tar-rekwiżit il-ġdid ta' valutazzjoni każ b'każ tal-formula tat-trabi idrolizzata u tal-formula ta' prosegwiment stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2016/127. Fil-fatt, il-pandemija tal-COVID-19 u l-kiżi tas-saħħha pubblika assoċjata kkawżaw dewmien mhux mistenni fil-valutazzjonijiet xjentifiċi tal-formuli mill-EFSA. Il-posponiment ta' sena tad-ħul fis-

<sup>6</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/828 tal-14 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 rigward ir-rekwiżiti għall-vitamina D fil-formula tat-trabi u għall-aċidu eruċiku fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment, ĠU L 137, 23.5.2019, p. 12.

<sup>7</sup>Opinjoni xjentifika dwar l-aċidu eruċiku fl-għalf u fl-ikel, [Erucic acid in feed and food | EFSA \(europa.eu\)](#)

<sup>8</sup> Opinjoni xjentifika dwar l-Āġġornament tal-ogħla livell tollerabbi tal-konsum ghall-vitamina D għat-trabi, [Update of the tolerable upper intake level for vitamin D for infants - - 2018 - EFSA Journal - Wiley Online Library](#)

<sup>9</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/561 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proteini għall-formula ta' prosegwiment ĠU L 94, 12.4.2018, p. 1.

<sup>10</sup>Opinjoni Xjentifika dwar is-sigurtà u l-adattabilità ghall-użu mit-trabi ta' formulji tal-prosegwiment b'kontenut ta' proteina ta' mill-inqas 1,6 g/100 kcal, [Scientific Opinion on the safety and suitability for use by infants of follow-on formulae with a protein content of at least 1.6 g/100 kcal | EFSA \(europa.eu\)](#)

<sup>11</sup>Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/572 tal-20 ta' Jannar 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu ĠU L 120, 8.4.2021, p. 4.

<sup>12</sup> Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar formulji tat-trabi u formulji tal-prosegwiment u li temenda d-Direttiva 1999/21/KE, ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1.

seħħi tar-rekwiżiti l-ġodda ma ppermettiex li l-prodotti, li kienu leġittimament fis-suq f'konformità mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE, u li għalihom ma kien ġie rrappurtat l-ebda effett negattiv fuq is-saħħha, ma jsirux konformi bla bżonn mar-rekwiżiti l-ġodda.

- d) Ir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2022/519, (UE) 2023/589 u (UE).../... li jemendaw ir-Regolament Delegat (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proteina għall-formula tat-trabi u ta' prosegwiment immanifatturata mill-idroliżati tal-proteina<sup>13,14,15</sup>

Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/127 ifakk li l-EFSA tqis li s-sikurezza u l-adegwatezza ta' kull formula speċifika manifatturata mill-idroliżati tal-proteina għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' evalwazzjoni klinika u tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' dawk il-formuli evalwati b'mod pożittiv mill-EFSA. Tliet atti delegati ġew adottati mill-Kummissjoni fl-14 ta' Jannar 2022, fl-10 ta' Jannar 2023, u fit-2 ta' Frar 2024 bl-għan li jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' formuli tat-trabi u ta' prosegwiment manifatturati mill-idroliżati tal-proteina li ġew evalwati bħala b'valur nutrizzjonali sikur u xieraq mill-EFSA<sup>16,17,18</sup> għall-użu mit-trabi bejn l-2020 u l-2023.

- e) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2182 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1798 rigward ir-rekwiżiti għal-lipidi u għall-manjeżju għas-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż<sup>19</sup>

Dan l-att legali ġie adottat fit-30 ta' Awwissu 2022 bl-għan li jiġu aġġornati ċerti rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni għas-sostituti tad-dieta kollha għall-prodotti ta' kontroll

<sup>13</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/519 tal-14 ta' Jannar 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proteina għall-formula tat-trabi u ta' prosegwiment manifatturata mill-idroliżati tal-proteina, ĠU L 104, 1.4.2022, p. 58.

<sup>14</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/589 tal-10 ta' Jannar 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proteina għall-formula tat-trabi u ta' prosegwiment immanifatturata mill-idroliżati tal-proteina, ĠU L 79, 17.3.2023, p. 40.

<sup>15</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE).../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-proteina għall-formula tat-trabi u ta' prosegwiment immanifatturata mill-idroliżati tal-proteina.

<sup>16</sup> Is-sikurezza nutrizzjonali u l-adegwatezza ta' idrolizat tal-proteina speċifiku derivat mill-konċentrat ta' proteina tax-xorrox u użat f'formula tat-trabi u ta' prosegwiment manifatturata minn proteina idrolizzata minn Danone Trading ELN B.V., <https://www.efsa.europa.eu/mt/efsajournal/pub/6304>

<sup>17</sup> Is-sikurezza nutrizzjonali u l-adegwatezza ta' idrolizat tal-proteina speċifiku derivat mill-konċentrat ta' proteina tax-xorrox u użat f'formula tat-trabi u ta' prosegwiment manifatturata minn proteina idrolizzata mill-HIPP-Werk Georg Hipp OHG, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2022.7141>

<sup>18</sup> Is-sikurezza nutrizzjonali u l-adegwatezza ta' idrolizat tal-proteina speċifiku derivat minn konċentrat ta' proteina tax-xorrox u użat fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment manifatturati minn proteina idrolizzata minn FrieslandCampina Nederland B.V., <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2023.8063>

<sup>19</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2182 tat-30 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/1798 rigward ir-rekwiżiti għal-lipidi u għall-manjeżju għas-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż, ĠU L 288, 9.11.2022, p. 18.

tal-piż, abbażi tal-opinjoni xjentifika tal-EFSA<sup>20</sup> u filwaqt li jitqies il-progress tekniku u xjentifiku rilevanti, inkluża d-data pprovduta mill-partijiet interessati.

- f) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/128 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-pestiċidi fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali żviluppat biex jissodisfa r-rekwiżiti nutrizzjonali tat-trabi u tat-tfal żgħar<sup>21</sup> u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-pestiċidi fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment<sup>22</sup>

Dawn iż-żewġ atti delegati ġew adottati mill-Kummissjoni fis-16 ta' April 2021 bl-għan li tallinja d-definizzjoni ta' "residwi ta' pestiċidi" stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2016/128 u fir-Regolament Delegat (UE) 2016/127 mad-definizzjoni aktar preċiżha prevista fir-Regolament (KE) Nru 396/2005<sup>23</sup> dwar il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi.

- 3.2. S'issa, il-Kummissjoni għadha ma invokatx il-bażi legali tal-Artikolu 15(6) tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi, peress li l-kundizzjonijiet biex tiżdied jew titneħħha kategorija ta' sustanzi fl-Anness tar-Regolament għadhom ma ġewx issodisfati.
- 3.3 Matul il-perjodu li beda fit-22 ta' Awwissu 2017 sal-lum, il-Kummissjoni adottat it-tliet atti delegati ta' hawn taħt skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi:
- a) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/571 li jemenda l-Anness tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi fir-rigward tal-lista ta' sustanzi li jistgħu jiġu miżjudha mal-formula tat-trabi u mal-formula tal-prosegwiment, mal-ikel tat-trabi u mal-ikel proċessat biċ-ċereali<sup>24</sup>

Dan l-att delegat ġie adottat mill-Kummissjoni fl-20 ta' Jannar 2021 bl-għan li taġġonna l-lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jiżdiedu mal-kategoriji speċifiċi tal-ikel biex tawtorizza ż-żieda ta' L-metilfolat tal-kalċju bħala sors ta' folat mal-formula tat-trabi,

<sup>20</sup> Dikjarazzjoni dwar evidenza xjentifika addizzjonali fir-rigward tal-kompożizzjoni essenzjali tas-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż, <https://www.efsa.europa.eu/mt/efsjournal/pub/6494>

<sup>21</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1040 tas-16 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/128 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-pestiċidi fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali żviluppat biex jissodisfa l-htiġiġiet ta' nutrizzjoni tat-trabi u tat-tfal żgħar, ĠU L 225, 25.6.2021, p. 1.

<sup>22</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1041 tas-16 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/127 fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-pestiċidi fil-formula tat-trabi u fil-formula ta' prosegwiment, ĠU L 225, 25.6.2021, p. 4.

<sup>23</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li jorigha minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE, ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

<sup>24</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/571 tal-20 ta' Jannar 2021 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' sustanzi li jistgħu jiġu miżjudha mal-formula tat-trabi u mal-formula tal-prosegwiment, mal-ikel tat-trabi u mal-ikel proċessat biċ-ċereali, ĠU L 120, 8.4.2021, p. 1.

mal-formula tal-prosegwiment, mal-ikel proċessat biċ-ċereali u mal-ikel tat-trabi abbażi tal-opinjoni xjentifika tal-EFSA<sup>25</sup>.

- b) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/439 li jemenda l-Anness tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi biex jippermetti l-użu tal-klorur tan-nikotinammidribosid bħala sors ta' niaċina fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż<sup>26</sup>

Dan l-att legali ġie adottat mill-Kummissjoni fis-16 ta' Diċembru 2022 bl-ġhan li taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jiżdiedu mal-kategoriji speċifiċi tal-ikel biex tawtorizza ż-żieda tal-klorur tan-nikotinammidribosid bħala sors ta' niaċina mal-ikel għal skopijiet mediċi speċjali u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż abbażi tal-opinjoni xjentifika tal-EFSA<sup>27</sup>.

- c) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness tar-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi li jippermetti l-użu tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib bħala sors ta' ħadid fis-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali, minbarra l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar<sup>28</sup>

Dan l-att delegat ġie adottat fid-29 ta' Jannar 2024 bl-ġhan li tīgħi aġġornata l-lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jiżdiedu mal-kategoriji speċifiċi tal-ikel biex tīgħi awtorizzata ż-żieda tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib bħala sors ta' ħadid għas-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u ikel għal skopijiet mediċi speċjali, minbarra l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar, abbażi tal-opinjoni xjentifika tal-EFSA<sup>29</sup>.

#### 4. Konklużjoni

Mit-22 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni regolarment eżerċitat is-setgħat delegati mogħtija lilha skont ir-Regolament dwar l-Ikel għal Gruppi Speċifiċi. Il-Kummissjoni adottat atti delegati biex taġġonna r-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni tal-formula tat-trabi u ta' prosegwiment kif ukoll dwar is-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż, abbażi tal-opinjonijiet tal-EFSA u filwaqt li tqis il-progress tekniku u xjentifiku rilevanti. Barra minn

<sup>25</sup> Il-metilfolat tal-kalċju bħala sors ta' folat miżjud għal skopijiet nutritivi mal-formula tat-trabi u tal-prosegwiment, mal-ikel tat-trabi u mal-ikel ipproċessat biċ-ċereali, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2020.5947>

<sup>26</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/439 tas-16 ta' Diċembru 2022 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jippermetti l-użu tal-klorur tan-nikotinammidribosid bħala sors ta' niaċina fl-ikel għal skopijiet mediċi speċjali u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż, ĠU L 64, 1.3.2023, p. 1.

<sup>27</sup> Estensjoni tal-użu tal-klorur tan-nikotinammidribosid bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283, <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2021.6843>

<sup>28</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE).../... li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jippermetti l-użu tal-kaseinat tal-ħadid tal-ħalib bħala sors ta' ħadid fis-sostituti tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u ikel għal skopijiet mediċi speċjali

<sup>29</sup> Is-sikurezza tal-proteinat tal-ħadid tal-ħalib bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 u l-bijodisponibbiltà tal-ħadid minn dan is-sors fil-kuntest tad-Direttiva 2002/46/KE, <https://www.efsa.europa.eu/mt/efsajournal/pub/7549>

hekk, il-Kummissjoni aġġornat il-lista tal-Unjoni ta' sustanzi li jistgħu jiżdiedu mal-kategoriji speċifiċi tal-ikel, abbażi tal-parir tal-EFSA filwaqt li tqis il-progress tekniku, l-iżviluppi xjentifiċi u l-protezzjoni tas-sahħha tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.